# TQANQILIET

Ta' Trevor Zahra

X'ħin ix-xemx
Taqbad it-trejqa żurżiqija
Lejn L-Ave Marija,
Naħrab tan-nies il-ħamba
U l-geġwiġija,
U bil-maħbuba miegħi
Naqbad inżul u tliegħi,
Biex qalb is-siġar,
L-irziezet,
U s-sejjieħ,
Insib mistrieħ.

Donnha teħfief
Il-ħajja għaġġelija,
Kull fl-għaxija;
U x'ħin is-sema jħammar
Bi dawl u dija,
Toħroġ b'qawwa ta' berqa
Tilgħab logħba bis-serqa
Il-fantasija.

Aktar ma d-dawl itaffi
U l-ħoss inin,
Jaqbżu bħal ħallelin,
Minn taħt is-siġar
Tal-bajtar u tat-tin,
Id-dliel waħxija,
Saħħarija,
Tawwalin.

U nħossni ħriġt mid-dinja
W tlaqtha wrajja,
Inħossni ngħix il-ħajja
Tal-kotba w ta' l-istejjer,
U nibqa', nibqa' sejjer
Noħlom mingħajr misthija
Ħolm ta' tarbija.

'Mma x'ħin il-bini nqarreb
U l-għagħa ħarxa tan-nies,
X'ħin nisma' d-daqq żgarrat
Minn radju ġdid, stunat,
U r-riħ ta' xi "Cortina"
Ivenven biex jurina
Il-qerda ta' daż-żmien,
X'ħin nilmaħ mal-bankina
Żgħażagħ b'dik it-tbissima
Li tfiehmek mingħajr kliem
Li qlubhom tilfu s-sliem,
U x'ħin flok l-isem t'Alla
Nilmaħ ġo ħafna qlub
Isem "James Bond" miktub...
    Il-logħob tal-fantasija
    Jiżvinta minn ġo fija!